**301. L-Onor. George Vella MP u l-Onor. Luciano Busuttil MP jipproponu li:**

Din il-Kamra:

TINNOTA li r-Rappreżentant Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea iddiskuta ma' Gvernijiet barranin metodi kif deċiżjonijiet importanti dwar politika barranija kellhom jittieħdu minn wara dahar il-Parlament Malti mingħajr it-trasparenza mitluba;

TINNOTA li r-Rappreżentant Permanenti ta parir lill-Gvern Malti f'dan is-sens u b'mod attiv fittex sistema biex ma jkunx hemm *accountability* Parlamentari għal dawn id-deċiżjonijiet;

TENFASIZZA li bl-aġir tiegħu, ir-Rappreżentant Permanenti ħares aktar l-interessi ta' pajjiżi oħra milli dak ta' pajjiżna;

TIDDEPLORA li b'din id-deċiżjoni, il-Parlament Malti ġie maqbuż f'materji sensittivi, aktar u aktar meta lanqas kien hemm diskussjoni pubblika u meta l-materji ma kienux inklużi fil-mandat elettorali tal-Gvern.

Għalhekk, din il-Kamra:

TIĊĊENSURA l-aġir tar-Rappreżentant Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea;

TITLOB lil Prim Ministru biex jesiġi r-riżenja tal-istess Rappreżentant Permanenti.

20.04.12